MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 134/2007

Il-Pulizija
(Spt. P. Bond)

Vs

Nabil Kelfe Hipleg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :
1. nhar it-13 ta’ Marzu, 2007 ghall-habta tat-2.45 p.m., waqt li kien gewwa l-Imgarr (Malta), ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta’ Annalisa Laudizio mill-Imgarr, liema persuna ghad ghandha tlettax il-sena;
2. fl-istess data, hin u lok bla ordni skond il-ligi tal-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Annalisa Laudizio kontra l-

volonta’ taghha w dan bhala mezz biex hi tigi mgieghelha taghmel xi haga, jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
3. fl-istess data, hin u lok b’eghmil zieni kkorrompa lill-istess Annalisa Laudizio, minuri ta’ tlettax il-sena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Marzu, 2007 li biha wara li rat l-artikoli 203(1), 297, 86 u 17(h) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2).
Ordnat id-divjet tal-publikazzjoni ta’ isem il-minorenni jew kull dettal li jista’ jwassal ghall-identita’ taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassaraha, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull akkuza dedotta kontra tieghu u fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor huma s-segwenti w cioe':-
1. li l-appellant ma nghatax zmien xieraq biex jerga jahsibha dwar l-ammissjoni tieghu wara l-qari tal-akkuzi;
2. minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-Qorti kellha tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija, l-fatti kollha tal-kaz u li ghalhekk kien kaz li stante l-fedina penali nettissima tal-appellant, kellu jinghata sentenza fil-modesta’ taghha tas-sentenza sospiza kif jidher li gie suggerit konguntivament kemm mill-prosekuzzjoni u kemm mid-difiza;
3. li l-Qorti ma apprezzatx bizzejjed il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz li ma kienux jimmeritaw dak li effettivament seta tefa’ dawl ahjar biex il-Qorti tkun tista’ tasal ghall-sentenza aktar gusta fic-cirkostanzi;
4. salv aggravji.

Rat il-verbal tal-lum li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu illi kien hemm ftiehem qabel ma nghatat is-sentenza appellata, illi l-piena kellha tkun ta’ sena prigunerija w mhux aktar.

Rat il-verbal tal-lum stess ukoll li bih Dr. Anglu Farrugia ghall-appellant irtira l-aggravji kollha hlief dik li tirrigwarda l-piena.

Ikkonsidrat,

Illi in vista ta’ dawn id-dikjarazzjonijiet li saru fis-seduta tal-lum jidher opportun illi jigi rrispetat il-ftiehem li kien intlahaq bejn il-prosekuzzjoni w id-difiza qabel ma nghatat is-sentenza appellata sia pura mhux bil-formalita’ preskritta mill-ligi kif ghandhom isiru dawn l-affarijiet u ghalhekk ghandu jkun hemm riduzzjoni fil-piena konformiment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, w tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal piena ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) u minflok tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ta’ sena (1).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------